MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2013

Citazzjoni Numru. 682/2012

**Josef Borg**

**vs**

**Awtorita ghat-Trasport f'Malta**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur tas-6 ta' Lulju 2012 li jghid hekk:

1. Illi l-esponenti ghandu negozju ta' Car rentals u chauffeur driven cars, u jahdem taht it-trading name Freeways.

2. Illi fil-bidu tas-sena 2009, l-esponenti kien ircieva ittra minghand l-Awtorita intimata, liema ittra qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok. JB1, fejn l-Awtorita infurmatu illi sabiex l-vettura tal-ghamla tail lift, li l-esponenti kien

importa mill-Ingilterra ghal garr ta' persuni b'dizabbilta, tigi irregistrata mal-istess Awtorita, kellha tissoddisfa u cioe l-esponenti kellu jottempera ruhu mat-tliet kundizzjonijiet imsemmija fl-istess ittra.

3. Illi l-esponenti ghamel dak kollu mitlub mill-Awtorita intimata, u sahansitra nefaq eluf ta' euro izda meta mar biex jirregistra l-vann, fl-1 ta' April 2009, u cioe hamest ijiem qabel ma inghalaq iz-zmien ghar-registrazzjoni tal-istess vettura, l-iskrivan tal-Awtorita intimata, dak iz-zmien l-ADT, qallu li "dawn issa ghalqu."

4. Illi l-esponenti, tramite l-Avukat sottoskritt, kien baghat ittra wara ittra lill-Awtorita intimata, izda ghal sitt xhur shah l-Awtorita lanqas biss indenjat ruhha tirrispondi ghall-ilmenti serji tal-esponenti. Illi l-ittri imsemmija qed jigu hawn annessi u mmarkati bhala Dok. JB2 sa JB4.

5. Illi fil-25 ta' Awwissu tas-sena 2009, l-Executive Chairman tal-ADT, dak iz-zmien Simon Vella, baghat ittra lill-Avukat sottskritt fejn ha konjizzjoni tal-problema ghall-ewwel darba u ppropona laqgha mal-esponenti. Illi din il-laqgha saret izda l-posizzjoni tal-Awtorita kienet illi "idejna marbutin u ma nistghu naghmlu xejn".

6. Illi wara l-imsemmija laqa' l-esponenti kien bghatt zewg emails tramite l-Avukat sottoskritt, kif ukoll ittra, hawn annessi u mmarkati Dok. JB5, JB6 u JB7 rispettivament, izda l-Awtorita ghal darba ohra, baqghet inadempjenti, tant illi lanqas biss irrispondiet l-istess emails u l-ittra.

7. Illi wara sentejn jistennew ghal hrug tal-imsemmi permess, l-Awtorita donna rega' bdielha u hin bla waqt harget il-permess u cioe hallietu jirregistra l-vettura tal-ghamla "tail lift", li l-esponenti kien ilu jistenniha sentejn shah.

8. Illi peress illi l-esponenti kien dam sentejn minghajr l-imsemmi permess, nonostante illi kien ottempora ruhu mal-ittra tas-6 ta' Marzu 2009 (Dok. JB1 anness), tilef eluf ta' euro, minhabba l-agir abbuzziv u illegali tal-istess Awtorita intimata, li wara li kitbet ittra lilu u gharfitu bil-

kundizzjonijiet imsemmija fl-istess ittra, qabdet u ddecidiet, abbuzivament, illegalment u b'diskriminazzjoni kontra l-esponenti, illi z-zmien li kien inghata f'dik l-ittra tas-6 ta' Marzu, inghalaq qabel il-hin stipulat.

9. Illi bhala konsegwenza tad-dewmien abbuziv u illegali da parti tal-Awtorita tat-Trasport Malta, l-esponenti tilef 'il fuq minn erbghin euro (€40,000) ta' xoghol kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

10. Illi fid-9 ta' Awwissu 2011, l-esponenti pprezenta ittra ufficjali kontra l-Awtorita intimata, sabiex tersaq ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni minnu sofferti, (liema ittra qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok. JB8), izda ghal darba ohra, l-Awtorita intimata baqghet inadempjenti.

Ghaldaqstant u in vista tas-suespost, l-esponenti qed jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara l-Awtorita intimata responsabbli ghad-danni reali, u cioe telf ta' profitti, li soffra r-rikorrenti minhabba d-dewmien abbuziv u illegali da parti taghha u dana ai termini tal-artikolu 1031 u 1032 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u/jew taht kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti jidrilha li ghandha timponi.

2. Tillikwida l-imsemmi danni favur l-esponenti, bl-ghajnuna ta' espert tekniku jekk ikun il-kaz

3. Tordna l-Awtorita intimata thallas lir-rikorrenti d-danni hekk likwidati.

U dana taht dawk il-kundizzjonijiet li din il-Qorti jidhrilha li ghandha timponi jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tad-9 ta' Awwissu tas-sena 2012.

Rat ir-risposta guramentata tal-Awtorita konvenuta li tghid hekk:

1. Illi l-allegazzjonijiet, il-pretenzjonijiet u t-talbiet kollha tal-attur huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

2. Illi d-decizjonijiet li ttiehdu mill-Awtorita esponenti kienu in segwitu tad-drittijiet u l-obbligi taghha skont il-ligi, kif ukoll ittiehdu bi prudenza u diligenza li titlob il-ligi, u ghalhekk it-talbiet attrici ma jreggghux u ghandhom jigu rnichuda bl-ispejjez.

3. Illi bla pregudizzju ghall-premess, l-attur kellu ghad-dispozizzjoni tieghu r-rimedji ohra legali opportuni izda erronjament ghazel li ma juzufruwix ruhu minnhom u ghalhekk l-azzjoni odjerna la hija valida u wisq anqas l-azzjoni korretta u opportuna; u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjez kontra l-attur li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat l-atti u n-nota ta’ osservazzjonijiet tal-Awtorita;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq it-tielet eccezzjoni tal-Awtorita li l-attur kellu rimedji ohra disponibbli u ghalhekk din l-azzjoni la hi valida u wisq anqas korretta u opportuna u ghalhekk it-talbiet ghandhom jigu respinti.

**Ikkunsidrat**

Din hi azzjoni ghad-danni allegatament sofferti mill-attur u dan a bazi tal-artikolu 1031 tal-Kap. 16 cioe danni ex delicto cioe danni kagunati fejn ma jkunx hemm relazzjoni kontrattwali pre-ezistenti.

L-Awtorita tikkontendi li din l-azzjoni kif impostata mhix idonea ghal kaz in ezami ghax l-atur kellu rimedju iehor li ma uzufruix ruhu minnu.

Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti. Johrog mix-xhieda ta’ Simon Vella li fiz-zmien tal-kwistjoni kien executive

chairman tal-Awtorita tat-Trasport u Vincent Micallef Pule li kien f'dak iz-zmien direttur tal-Awtorita xehdu illi fl-2009 kien hemm policy tad-dipartiment fejn kienu registrabbli biss vetturi tal-ghamla 'tail lift' li kienu godda. Id-dipartiment pero kellu xi applikazzjonijiet pendenti ta' vetturi 'second hand' li stante din il-policy, ma kienux registrabbli. F'Marzu 2009 stess il-Ministeru kien hareg direzzjoni fejn kkonceda li dawn l-applikazzjonijiet pendenti setghu jigu processati jekk jigu ottemperati certi kundizzjonijiet u fil-fatt fis-6 ta' Marzu 2009 l-Awtorita kitbet lill dawn l-applikanti biex jekk iridu jottemperaw mal-kundizzjonijiet hemm imsemmija u l-vettura tigi registrata. Dan kellu jsir entro gimgha mid-data tal-ittra (Dok. JB1 fol. 5 tal-process).

Jirrizulta illi l-applikanti aderew ruhhom ma din is-sejha u l-attur mar ghall-ispezzjoni tal-verttura tieghu li pero minhabba nuqqasijiet zghar ma ghaddietx l-ispezzjoni liema talba pero giet biss sospiza biex l-attur jottempera ruhu. Sadattant kienu gew registrati tlieta mill-vetturi applikanti.

Sfortunatament qabel mal-vettura tal-applikant giet in regola ma' dak rikjest, b'direzzjoni ministerjali ohra fl-istess xahar ta' Marzu 2009, giet irtirata l-possibilita li jinhargu l-licenzji ta' dawk l-applikazzjonijiet pendenti ghalkemm dawk li lahqu nhargu baqghu in vigore.

Johrog mill-atti u xiehda ta' Vincent Micallef Pule illi l-attur pprotesta mill-ewwel b'ittra tat-3 ta' April 2009 ghal din il-kontra-decizjoni pero l-kwistjoni baqghet tkarkar sal-2011 u kien wara decizjoni tal-Ombudsman illi l-Awtorita fil-fatt harget il-permess jew licenzja lill-attur.

L-attur fil-premessi tieghu jikkwalifika l-agir tal-Awtorita tal-2009 fejn waqfet l-applikazzjoni tal-attur bhala wahda abbusiva, illegali u diskriminatorja. Wara li nhareg il-permess fl-2011, l-attur talab ir-risarciment tad-danni u eventwalment ipprezenta din il-kawza.

**Kunsiderazzjonijiet**

Hu fatt illi min jaghmel il-kawza ghandu d-dritt li jimpostaha kif jidhirlu hu. F'dan il-kaz l-attur ghazel li jistitwixxi kawza a bazi tal-artikolu generali tad-danni ex delicto.

Illi dan huwa mportanti ferm, billi "Huma l-premessi ta' l-attur fic-citazzjoni u t-talbiet taghhom li jiddeterminaw il-parametri ta' l-azzjoni u li konsegwentement huma dawn illi jiddefinixxu u jiddeterminaw liema perjodu preskrittiv estintiv ta' l-azzjoni kellu japplika (**Korporazzjoni ghas-servizzi ta' l-Ilma vs Oil and Construction International Limited**, App Inf 28/04/2004).

Illi huwa pacifiku fil-gurisprudenza nostrana li n-natura ta' azzjoni gudizzjarju tinsilet mill-premessi ta' l-att promotur u mit-talbiet dedotti fl-istess att, u mhux minn xi presuppost maghmul mill-konvenut jew konvenut, "Huwa principju generali bil-wisq notorju li n-natura u l-indoli ta' l-azzjoni ghandhom jigi dezunti mit-termini ta' l-att li bih jinbdew il-proceduri. Il-'kawza' ta' domanda hija r-raguni guridika taghha, ossija l-fundamentum agendi taghha (Vol. XI p. 401). Din il-kawza, li hija l-origini tad-domanda, tiddistingwi ruhha mill-oggett tac-citazzjoni, li huwa 'cio' che e' attualmente domandato" (Vol. X p. 926) (**Godwin Azzopardi vs Paul Azzopardi**, PA 31/01/2003). Isegwi minn dan illi l-Qorti adita ghandha tillimita d-decizjoni taghha ghat-termini u l-parametri ta' l-att promotur, altrimenti s-sentenza pronunzjata tkun ultra petitae jew extra petitae.

L-attur qed jikkontendi li hu ghandu dritt li jitlob id-danni a bazi tal-ligi generali u li ma hux marbut ma' xi procedura ohra li tostakolah milli jagixxi b'dan il-mod.

Din il-Qorti ma taqbilx mal-attur. Hi l-fehma tal-Qorti illi l-proceduri odjerni ma setghux jinkwadraw ruhhom imkien hlief fil-parametri tal-artikolu 469A. L-attur qed jippretendi li sofra danni minn decizjoni amministrattiva fil-konfront tieghu. Dan hu evidenti minn ezami tal-permessi tar-rikors guramentat fejn qed jigi allegat li hu ottempera ruhhu ma kundizzjonijiet ghal ghoti ta' licenzja u li avolja ghamel dak mitlub l-Awtorita tat-Trasport xorta rrifjutat li tirregistra l-

vettura tieghu u b'hekk sofra danni minhabba l-agir abbusiv u illegali tal-Awtorita.

Jirrizulta bhala fatt illi ghalkemm l-attur ma kienx precis fil-fatti tal-premessi, irrizulta li fil-fatt b'direzzjoni ministerjali f'terminu qasir ta' granet irrevokat decizjoni amministrattiva li taghti licenzja lil attur jekk jottempera ruhu ma' kundizzjonijiet maghmula mill-istess Awtorita u dan kif inghad, fuq direzzjoni ministerjali.

Il-Qorti mhix ser tidhol fil-mertu tal-azzjoni amministrattiva mehuda u rrevokata pero dak li jikkoncerna din il-kawza hu illi l-fatti li taw lok ghal azzjoni tad-danni hi decizjoni amministrattiva li esponiet lil attur biex jinkorri danni.

Biex wiehed jasal biex jikkunsidra jekk fil-fatt l-attur sofriex danni trid tittiehed decizjoni dwar ir-responsabilta tal-Awtorita fil-konfront tal-attur u ghalhekk il-Qorti trid tissindaka u tistharreg jekk l-agir tal-Awtorita kienx illegali, abbusiv u diskriminatorju fil-konfront tal-attur u b'hekk jinsorgi d-dritt ghad-danni u dan ai termini tal-artikolu 469A(1) tal-Kap. 12, liema artikolu hu dak idoneju biex jigu trattati vertenzi ta' din in-natura, u li fis-subartikolu 469A(5) jikkontempla d-dritt ghad-danni li jistghu jintalbu minn lezjoni maghmula minn awtorita pubblika kif inhi l-Awtorita tat-Trasport.

Ir-responsabilta tal-Awtorita mhux fatt determinat izda irid jigi determinat billi tigi mistharrga l-validita tal-ghemil amministrattiv, liema ghemil amministrattiv hu mfisser bhala rifjut ghat-talba ta' xi persuna li jsir minn awtorita pubblika klif sehh f'dan il-kaz ghalkemm wara sentejn il-permess jew licenzja gie akkordat. Id-danni reklamati pero qed jintalbu a bazi tal-ewwel rifjut u t-telf allegatament subit mill-attur sakemm inharget il-licenzja.

Il-fatt li ma hemmx talba ghat-thassir jew impunjazzjoni tal-ghemil amministrattiv ma jfisser xejn ghax is-sejbien ta' responsabilta li jaghti lok ghad-danni jista' jkun biss konsegwenza ta' stharrig dwar il-validita o meno tar-rifjut li jinhareg permess jew licenzja. Dan l-istharrig hu regolat biss bil-ligi specjali tal-artikolu 469A tal-Kap. 12.

Dan mhux att maghmul minn amminstrazzjoni pubblika imma att amministrattiv maghmul minn awtorita pubblika konsistenti f'rifjut ta' hrug ta' licenzja wara sejha li giet irtirata unilateralment mill-Awtorita u li minhabba f'dan l-agir l-attur qed jallega li sofra danni.

Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma illi l-azzjoni kif maghmula mhix proponibbli taht il-ligi generali tad-delitt izda kellha tigi proposta fil-qafas tal-artikolu 469A tal-Kap. 12 (ara f'dan is-sens **Karmenu Mifsud vs Awtorita ghat-Trasport f'Malta**, App Civ 30/05/2013).

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta u tiddeciedi billi tilqa' l-eccezzjoni tal-Awtorita konvenuta li l-attur kellu rimedju iehor disponibbli u kwindi kellu jagixxi skond ir-rimedju disponibbli taht l-artikolu 469A tal-Kap. 12 u billi l-attur agixxa ai termini tal-artikoli tad-delitt fil-Kap. 16, tiddikjara li l-azzjoni kif imposta mhix proponibbli u tastjeni mill-tkompli tiehu konjizzjoni tal-kawza.  Bl-ispejjez ghall-attur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------